31966R0121

IR-REGOLAMENT Nru 121/66/KEE TAL-KUNSILL
tat-28 ta' Lulju 1966
li jistabbilixxi l-lista ta' postijiet li għalihom tista' tingħata allowance għall-kera, l-ammont massimu ta' dik l-allowance u r-regoli biex tingħata

Il-Kunsill tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Il-Kunsill tal-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament nru 31 (KEE), 11 (KEEA) [1] dwar ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-impieg applikabbli għall-Aġenti oħrajn tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 14a ta' l-Anness VII għall dawk ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikoli 22 u 67 ta' dawk il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg:

Wara li kkunsidraw il-proposti mill-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea:

Billi huwa għall-Kunsilli, waqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 65(3) tar-Regolamenti tal-Persunal li jistabbilixxu l-postijiet li għalihom tista' tingħata *allowance* għall-kera, l-ammont massimu ta' dik l-*allowance* u r-regoli biex tingħata;

Adottaw dan ir-Regolament:

Artikolu 1

Uffiċċjal impjegat f'post fejn il-problema ta' akkomodazzjoni hija rikonoxxuta bħala waħda partikolarment diffiċli jista' jingħata *allowance* għall-kera taħt il-kondizzjonijiet elenkati hawn taħt.

Artikolu 2

1. Il-postijiet ta' impjieg li għalihom l-*allowance* imsemmija fl-Artikolu 1 tista' tingħata għandhom ikunu:

Il-Ġermanja

Karlsruhe

Garching

Geesthacht

Franza

Pariġi

Dipartimenti ta' Hauts-de-Seine, Seine-St.-Denis, Val-de-Marne, Essonne, Yvelines, Val d ' Oise

Cadarache

Grenoble

Ir-Renju Unit

Londra

L-Isvizzera

Ġinevra.

2. Minbarra l-postijiet imsemmijja fl-paragrafu 1, *allowance* għall-kera tista' wkoll tingħata fir-rigward ta' postijiet fejn ma hemmx aktar minn tliet uffiċjali. F'dan il-każ, il-Kummissjonijiet

[1] ĠU C 45, ta' l-14.6.1962, p. 1385/62.
ĠU C 47, ta' l-24.3.1965, p. 701/65.

għandhom jinnotifikaw lill-Kunsilli u l-lista sottomessa għandha tkun ikkonsidrata bhala approvata jekk fi żmien sitt ġimgħat l-ebda delegazzjoni ma tkun uriet ix-xewqa li tikkontesta l-għoti ta' *allowance* għall-kera fir-rigward ta' dawk il-postijiet.

Artikolu 3

Qabel ma tagħti xi *allowance*, l-awtorità li taħtar għandha tara jekk l-akkomodazzjoni tkunx addattata għall-ħtiġiet ta' l-uffiċjal, meta jkunu kkonsidrati r-responsabbiltajiet tiegħu u ċ-ċirkustanzi familjari tiegħu, u l-għadd ta' dipendenti li attwalment jgħixu miegħu. Fejn ikun xieraq, tista' tistabbilixxi limitu fuq l-ammont ta' kera li tista' tkun ikkonsidrata biex tiġi kkalkolata l-*allowance* għall-akkomodazzjoni.

Artikolu 4

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3, *allowance* għall-kera għandha tingħata lil uffiċċjal li l-kera tiegħu ta' kull xahar, apparti, fejn xieraq, l-ispiża ta' servizzi bħas-sistema ta' tisħin, ta' l-ilma, tal-gass, ta' l-elettriku u tal-manutenzjoni, tammonta għal aktar minn:

18 % għal uffiċjali li jitilgħu sa, u jinkludu, l-grad B2

20 % għal uffiċjali minn grad B1 sa grad A4

22 % għal uffiċjali li huma ta' livell ogħla minn grad A4

Ta' l-emolumenti totali tiegħu kif determinati hawn taħt.

L-emolumenti totali għandhom jikkonsistu fis-salarju bażiku flimkien ma' *allowance* ta' l-espatrijazzjoni u l-allowance tal-kap ta' familja, bit-tnaqqis tat-tnaqqis obbligatorju immsemmija fl-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal u t-taxxa tal-Komunità. L-ammont li jirriżulta minn dan għandu jkun aġġustat bill-fattur korrettiv applikabbli fil-post ta' l-impieg ta' l-uffiċċjal ikkonċernat.

Artikolu 5

L-Istituzzjoni għandha tkun responsabbli għal dik il-parti tal-kera li teċċedi l-persentaġġi indikati fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 4 sa:

50 % għal uffiċċjal mhux miżżewweġ li huwa kap ta' familja mingħajr dipendenti:

55 % għal uffiċċjal li huwa kap ta' familja b'dipendenti wieħed;

60 % għal uffiċċjal li huwa kap ta' familja b'aktar minn dipendenti wieħed;

Fejn l-espressjoni "dipendenti" għandha t-tifsira mogħtija fl-Artikolu 2 ta' l-Anness VII għar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 6

L-allowances għall-kera ma għandhom fl-ebda każ jeċċedu l-5 % ta' l-emolumenti totali indikati fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 4.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1966.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Lulju 1966.

Għall-Kunsilli

Il-President

S. A. POSTHUMUS